MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2008

Talba Numru. 269/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma f'isimha proprja u ghan-nom ta` l-Enemalta**

**Vs**

**Charles Muscat**
**(ID 16148 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta` Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u hames liri u hdax il-centezmu (Lm705.11c rapprezentanti bilanc minn somma akbar ai termini ta` ftehim datat 11 ta` Lulju, 1996, fuq il-kont numru 323275952, kif jirrizulta minn dokument anness u mmarkat Dok. WSC1.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 21 ta` Gunju, 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 24 ta` Mejju, 2004 fejn gie eccepit preliminarjament il-preskrizzjoni ta` l-azzjoni odjerna ai termini ta` l-artikolu 2156 (d) u (f), Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta u fit-tieni lok li l-ammont ma kienx dovut stante li l-meter kien qed jahdem hazin u jdur bl-arja u fl-ahhar nett li l-ammont kien se mai dovut mis-socjeta` Konica Photo Finishers Goods Distributors Limited u mhux mill-konvenut personalment.

Bl-ispejjez kontra l-Korporazzjoni attrici.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-Korporazzjoni attrici resqet bhala provi in sostenn ghat-talba taghha kemm tramite d-dokumenti ezebiti nkluz kopja legali ta` l-ittra ufficcjali mibghuta lill-konvenut u l-iskrittura ffirmata minnu u kif ukoll tramite x-xhieda bil-gurament ta` l-avukat Dr. Guido Pace Spadaro. Illi da parti tieghu, l-konvenut jikkonferma li huwa kien iffirma ftehim dwar ripagamenti ghalkemm jallega li dan kien ghamlu f'isem socjeta` kummercjali. Mid-dokument innifsu pero` din l-affermazzjoni tal-konvenut ma tirrizultax anzi gharaf bhala l-firma tieghu dik indikata fuq l-iskrittura ezebita a fol. 2 tal-process u stqarr li l-iskrittura kienet giet moqrija lilu qabel ma ffirma.

Illi fil-mori tal-kawza jirrizulta li l-konvenut beda jaghmel pagamenti akkont. Barra mill-fatt li dan ghandu jinfluwixxi fuq l-ammont rejalment dovut lill-Korporazzjoni attrici, dawn certament waslu biex interrompew il-perjodu preskrittiv gia` dekors favur l-istess konvenut ghalkemm tali perjodu kien gia` gie nterrott tramite l-iskrittura ffirmata minnu u l-ittra ufficcjali pprezentata kontra tieghu.

Illi difatti mid-dokument ezebit a fol. 58 u 68 tal-process ghandu jirrizulta li r-rimanenti bilanc ta` Lm200.00c skond

il-kont mahrug mill-istess attur a fol. 57 u 67, kien gie debitament imhallas mill-istess konvenut. Pero` f'dan ir-rigward gie spjegat ukoll illi dan il-prospett ma kienx jinkludi l-imghaxijiet.

Illi ghalhekk jidher li l-kwistjoni ta` bejn il-partijiet baqghet limitata fuq l-imghaxijiet peress illi filwaqt li jidher pacifiku li s-sorte thallas, il-Korporazzjoni baqghet tinsisti li fadal bilanc sostanzjali favur taghha konsistenti f'interessi legali akkumulati u dwar danipprezentat prospett immarkat Dok. JC1 li skond ix-xhud Joseph Caruana jezisti fuq dan il-kont bilanc ta` Lm999.32c, li minnhom Lm800.00c, huma imghaxijiet u cioe` kwindi ammont akbar minn dak originarjament mitlub f'dan l-avviz li kien ipprezentat f'Jannar, tas-sena 2004. Anzi jirrizulta minn dan il-prospett illi l-ammont dovut lill-Korporazzjoni fis-sena 2004 skond dan il-prospett kien jaccedi l-ammont mitlub f'dina l-kawza. Jidher ukoll minn dan il-prospett illi l-ammonti ta` l-imghax gew mahduma bil-compound interest mhux bis-simple interest.

Illi dan it-Tribunal ghandu l-Awtorita` li jaghmel il-kunsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tieghu wkoll ibbazati mill-lat ta` ekwita` u ma hux kwindi marbut strettament biss mar-regolamenti u ligijiet per se`. Illi dan qed jissemma` peress illi t-Tribunal jemmen li fil-kaz in ezami jehtieg li tigi applikata r-regola ta` l-ekwita` sabiex tassew issir gustizzja bejn il-partijiet.

Illi l-Korporazzjoni attrici hija marbuta ma` l-ammont mitlub fit-talba taghha ta` Lm705.11c, li skond hi stess kien ir-rimanenti bilanc lilha dovut fid-data tal-prezentata cioe` it-30 ta` Jannar, 2004. Illi skond il-prospett minn dak in-nhar 'l hawn il-konvenut ghamel pagamenti ta` Lm729.00c jekk wiehed ighodd is-somma ta` Lm200.00c mhux inkluz fil-process u kwindi ammont in eccess ghal dak mitlub fl-odjerna kawza. Imghax fuq l-ammont tas-sorte jlahhaq ghal madwar Lm56 fis-sena u jidher li l-konvenut beda jhallas fis-sena 2006 cioe` ghaddew allura sentejn interessi li jammontaw ghal Lm112.00c. Meta tqis imbaghad il-pagamenti akkont li saru mis-sena 2006 'l hawn u l-ammont imhallas in eccess ghas-sorte ghandu

jirrizulta li l-ammont ta` nteressi talvolta dovuta mis-sena 2006 ‘l hawn huwa negligibbli u ghaldaqstant it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jillikwida *arbitrio buoni viri* r-rimanenti bilanc favur il-Korporazzjoni attrici anke fl-ammont komplessiv ta` Lm120.00c, illum ekwivalenti ghal Euros 279.52c.

It-Tribunal, ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jirrespingi l-eccezzjoni preliminari ta` preskrizzjoni sollevata mill-konvenut stante li din ma tirrizultax kemm minhabba d-dokumenti ezebiti u kif ukoll in vista tal-pagamenti maghmula mill-konvenut fil-mori tal-process u fit-tieni lok u fil-mertu jilqa` t-talbiet attrici limitatament pero` versu s-somma hekk kif likwidata hawn fuq fl-ammont ta` €279.52c (Euros) u dana in vista ta` l-istess pagamenti maghmula u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-Korporazzjoni attrici l-imsemmija somma ta` €279.52c (Euros), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------